## L-10 Stazzjon: ĠESÙ MSAMMAR MAS-SALIB

**Kor**: Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk…
**℟. Għax b'Salibek u l-Mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Qarrej 1: Qari mill-Evanġelju skont San Luqa** (23:33-35)
Kien hemm ukoll tnejn oħra, żewġt irġiel ħatja, li ħaduhom għall-mewt miegħu. Meta waslu fil-post jgħidulu l-Qorriegħa, sallbuhom hemm, lilu u lill-ħatja, wieħed fuq il-lemin tiegħu u l-ieħor fuq ix-xellug. U Ġesù qal: "Missier, aħfrilhom, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu". Imbagħad telgħu x-xorti u qassmu ħwejġu bejniethom. Il-poplu waqaf hemm, iħares.

**Qarrej 2: Riflessjoni**
Kristu jidħol b'mod liberu għall-passjoni b'dak kollu li ġġib magħha. Jaċċetta li jiġi msallab bl-imsiemer mal-għuda. Għall-mentalità tiegħna din tidher tbatija bla sens u bla bżonn. It-tbatija u s-sagrifiċċju narawhom biss bħala nuqqas ta' ħajja, bħala xkiel. U għalhekk ngħattu għajnejna, naħbu jew neliminaw kull tip ta' tbatija. Għax skont aħna, il-ħajja tal-bniedem tagħmel sens biss meta f'saħħtu u jipproduċi. Relazzjoni hi f'postha biss meta kollox sejjer sew. Persuni dipendenti fuq ħaddieħor jibdew iħossuhom piż żejjed. Tarbija li ma tidħolx fil-pjan tagħna nwarrbuha min-nofs. Skont aħna, kull rabta u impenn li jsiru ftit tqal għandek ittajjarhom minn fuqek. Iżda Kristu jurina li hemm mod ieħor iktar veru kif nistgħu naqraw it-tbatija. It-tbatija mgħixa għall-imħabba hi l-unika li tibdel il-qlub.

**Qarrej 3: Talba**
Mulej, agħtina l-kuraġġ inħarsu lejk tissallab. Agħtina l-kuraġġ ma naħarbux. Agħtina l-qawwa naraw li s-sagrifiċċji li jitolbu minna r-rabtiet tagħna huma l-uniku mezz biex nippruvaw l-imħabba tagħna. Agħtina l-paċenzja noqogħdu mas-salib tagħna. U meta t-tbatija toħloq fina l-ansjetà u jkollna aptit intajru kollox, imliena bid-don tal-perseveranza.

Missierna, Sliema u Glorja.

Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù.
**℟. Mulejja, ħenn għalina,**
**u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

**Kor**

## Il-11-il Stazzjon: ĠESÙ JMUT FUQ IS-SALIB

**Kor**: Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk…
**℟. Għax b'Salibek u l-Mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Qarrej 1: Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann** (23:44-47)
Għall-ħabta tas-sitt siegħa waqgħet dalma kbira fuq il-pajjiż kollu sad-disa' siegħa, għax ix-xemx iddallmet. Il-velu tas-santwarju ċċarrat min-nofs. Imbagħad Ġesù għajjat għajta kbira u qal: "Missier, f'idejk jien nerħi ruħi". U kif qal hekk, ħareġ ruħu. Iċ-ċenturjun, meta ra x'ġara, beda jfaħħar lil Alla u jgħid: "Tassew li dan bniedem ġust!".

**Qarrej 2: Riflessjoni**
Ġesù jmut għalija fuq is-salib. Huwa l-ikbar turija tal-Imħabba ta' Alla, tant li San Pawl jgħid: "Alla wriena l-imħabba tiegħu meta Kristu miet għalina, aħna li konna għadna midinbin" (Rum 5:8). U dan ifisser li għalih ħajti tiswa iktar minn tiegħu. Quddiem Ġesù mejjet il-bniedem jiskopri li huwa agħma għal din l-imħabba u iktar u iktar lanqas ma jfittex jixrob minnha. Ġesù mejjet fuq is-salib isir il-post fejn jien nista' nimtela bl-imħabba. Isir ukoll il-post fejn nitgħallem li meta nħobb bħalu jiena wkoll irrid nissallab għal min inħobb.

**Qarrej 3: Talba**
Mulej, inti taf kemm jiena fil-bżonn li nkompli niskopri tassew il-wisa', it-tul, l-għoli u l-fond tal-imħabba li għandek għalija. F'kelma waħda, għandi bżonn il-grazzja tiegħek biex nerġa' nitfa' ħarsti fuqek mejjet għalija fuq is-salib. Għandi bżonn li nitgħallem iżjed dwarek, b'mod speċjali fil-laqgħat li jsiru fil-parroċċa.

Missierna, Sliema u Glorja.

Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù.
**℟. Mulejja, ħenn għalina,**
**u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

**Kor**

## It-12-il Stazzjon: ĠESÙ MNIŻŻEL MINN FUQ IS-SALIB

**Kor**: Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk…
**℟. Għax b'Salibek u l-Mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Qarrej 1: Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann** (12:24-26)
Tassew tassew ngħidilkom, jekk il-ħabba tal-qamħ ma taqax fl-art u tmut, hi tibqa' weħidha; imma jekk tmut, tagħmel ħafna frott. Min iħobb lil ħajtu, jitlifha; imma min jobgħod lil ħajtu f'din id-dinja, iħarisha għall-ħajja ta' dejjem. Jekk xi ħadd irid jaqdini, hu għandu jimxi warajja; u fejn inkun jien, hemm ukoll ikun il-qaddej tiegħi. Min jaqdi lili, il-Missier jagħtih ġieħ.

**Qarrej 2: Riflessjoni**
Is-skiet tal-mewt jiltaqa' mal-uġigħ bla kliem ta' Marija. Hawn naraw l-imħabba li tibqa' soda meta kollox jidher mitmum. Liema omm ma tħossx il-weġgħa tat-tbatijiet ta' wliedha? Il-ġisem mejjet ta' Kristu jsir tama ġdida: mill-offerta tiegħu titwieled il-ħajja. Nitgħallmu nafdaw, anki fid-dlam, li Alla qatt ma jitlaqna. F'din il-mument inwasslu l-weġgħat tagħna, it-telfiet u l-biżgħat, u nħallu l-ħniena ta' Alla tmissna u tbiddel qalbna, bil-fidi, bil-paċenzja, u bit-tama li ma tmut qatt.

**Qarrej 3: Talba**
Marija, f'idejk nafdaw ħajjitna bit-tbatijiet kollha tagħna. Agħtina l-grazzja li nħaddnu s-salib bi mħabba, li nżommu t-tama waqt it-tbatijiet tagħna, u li nistennew il-qawmien b'fidi soda. Agħtina faraġ, saħħaħ il-familji tagħna, u agħtina l-paċi fil-familja u fis-soċjetà.

Missierna, Sliema u Glorja.

Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù.
**℟. Mulejja, ħenn għalina,**
**u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

**Kor**

## It-13-il Stazzjon: ĠESÙ MIDFUN F'QABAR ĠDID

**Kor**: Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk…
**℟. Għax b'Salibek u l-Mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Qarrej 1: Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann** (19:40-42)
Ġużeppi minn Arimatija u Nikodemu] ħadu l-ġisem ta' Ġesù u kebbewh bil-faxex tal-għażel bil-fwejjaħ, kif soltu jagħmlu l-Lhud qabel id-difna. Fejn kienu sallbu lil Ġesù kien hemm ġnien, u f'dan il-ġnien kien hemm qabar ġdid li fih kienu għadhom ma difnu lil ħadd. Hemm qiegħdu lil Ġesù, għax kien Jum it-Tħejjija għal-Lhud, u għax il-qabar kien fil-qrib.

**Qarrej 2: Riflessjoni**
Fil-ħemda ta' dik il-lejla, id-dixxipli difnu l-ġisem għażiż ta' Ġesù f'qabar ġdid. Kienet ħidma fis-skiet, bid-dmugħ fuq xifer għajnejhom, bi mħabba kbira lejn l-Imgħallem tagħhom. Hija l-istess ħidma li tant membri tal-parroċċi tagħna jwettqu: ħidma fil-moħbi, b'sagrifiċċji personali u bi mħabba lejn il-Knisja, il-Ġisem mistiku ta' Ġesù. Quddiem il-qabar, id-dixxipli jagħmlu "kif soltu jagħmlu l-Lhud qabel id-difna"; ma jafu jagħmlu xejn iktar, u lanqas jistgħu. Madankollu, il-Mulej kien qed iħejji xi ħaġa tassew ġdida. Hija l-istess opra ġdida li l-Mulej jixtieq iwettaq permezz ta' nies ġodda fil-komunitajiet tagħna, li jġibu magħhom ideat ġodda u enerġija ġdida.

**Qarrej 3: Talba**
Mulej Ġesù, fil-ħemda tal-qabar inti bdejt tħejji l-ħajja ġdida tal-qawmien mill-imwiet. Agħmel li nħallulek spazju fil-parroċċi tagħna biex, lil hinn minn dak li nagħmlu s-soltu, int tkun tista' twettaq l-opra tiegħek fostna. Għinna wkoll inħallu wisa' għal nies ġodda biex flimkien magħhom inkomplu l-missjoni tal-Knisja tiegħek qalb il-bnedmin.

Missierna, Sliema u Glorja.

Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù.
**℟. Mulejja, ħenn għalina,**
**u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

**Kor**

## L-14-il Stazzjon: ĠESÙ REBBIEĦ FUQ IL-MEWT

**Kor**: Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk…
**℟. Għax b'Salibek u l-Mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Qarrej 1: Qari mill-Evanġelju skont San Luqa** (24:1-5)
Kmieni mas-sebħ tal-ewwel jum tal-ġimgħa marru ħdejn il-qabar u ħadu magħhom il-fwejjaħ li kienu ħejjew. Huma sabu l-ġebla mgerbba minn quddiem il-qabar, imma meta daħlu fih, il-katavru tal-Mulej Ġesù ma sabuhx hemm. U kif kienu mħassbin fuq dan, f'daqqa waħda dehrulhom quddiemhom żewġt irġiel libsin ilbies jiddi. In-nisa, mimlijin bil-biża', baxxew għajnejhom lejn l-art; imma dawk qalulhom: "L-għala qegħdin tfittxuh qalb il-mejtin lil min hu ħaj? Mhuwiex hawn, imma qam".

**Qarrej 2: Riflessjoni**
Għal tliet darbiet, fi triqtu lejn Ġerusalemm, Ġesù ħabbar lid-dixxipli tiegħu li kellu jbati ħafna, "jiċħduh ix-xjuħ u l-qassisin il-kbar u l-kittieba, joqtluh, u fit-tielet jum iqum" (Lq 9:22). Għaddew it-tlitt ijiem imħabbra minnu, u Ġesù jqum rebbieħ fuq il-mewt. Ma setax ikun li l-mewt iżżomm taħt il-ħakma tagħha lil dak li hu Sid il-ħajja. Illum Ġesù huwa ħaj fil-Knisja tiegħu, fil-komunità ta' dawk li jemmnu, fil-Kelma ta' Alla u fl-Ewkaristija, fil-fqir u fil-batut. Fil-ħajja tal-parroċċa aħna nistgħu niltaqgħu miegħu, u bħall-Appostli nisimgħu mill-ġdid il-wegħda li għamlilna: "Ara, jiena magħkom dejjem sal-aħħar taż-żmien!" (Mt 28:20).

**Qarrej 3: Talba**
Mulej Ġesù, li qomt rebbieħ fuq il-mewt, aħna nemmnu li inti tinsab ħaj fostna, timxi magħna fit-toroq tal-ħajja bħalma mxejt mad-dixxipli ta' Għemmaws. "Ibqa' magħna" u agħtina li nħossu l-ferħ tal-preżenza tiegħek.

Missierna, Sliema u Glorja.

Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù.
**℟. Mulejja, ħenn għalina,**
**u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

**Kor**

## Talb tal-Għeluq

**Qarrej 1:**
O Alla, meta Ibnek intrefa' fuq is-salib,
int ridt li Ommu tieqaf ħdejh u tbati miegħu;
agħti lill-Knisja tiegħek
li tissieħeb mal-Verġni Marija
fil-Passjoni ta' Kristu,
biex flimkien magħha tieħu sehem ukoll
fil-Qawmien tal-istess Ibnek Ġesù Kristu Sidna,
li hu Alla, u miegħek jgħix u jsaltan
flimkien mal-Ispirtu s-Santu
għal dejjem ta' dejjem.
**℟. Ammen.**

***Wara l-Espożizzjoni u qabel il-Barka Ewkaristika***

Wara li temmejna l-mixja tal-Via Sagra, inpoġġu quddiem Ġesù Ewkaristija t-tbatijiet, il-problemi, ix-xewqat u t-tamiet li għandna f'qalbna. F'dan is-skiet, ejjew niftakru li l-Mulej għadda mit-tbatija mhux biex inħossuna ħatja, imma biex jurina kemm iħobbna, biex jerġa' jħabbibna ma' Alla Missieru, biex jiftħilna l-bieb għal ħajja ġdida mimlija tama. Għalhekk nersqu quddiemu b'qalb miftuħa, u nitolbuh:

Mulej Ġesù, Ħaj fl-Ewkaristija, nitolbuk: għinna biex matul dan ir-Randan inkomplu niftħu qalbna għall-Kelma tiegħek ta' konverżjoni.
Nitolbuk: agħtina qalb umli, li taf terġa' tibda, qalb li taf tisma', qalb li taf tħobb.
Nitolbuk: saħħaħna fil-mumenti ta' dgħufija, mexxina meta nitfixklu, u agħtina l-grazzja li nkunu strumenti ta' ġid u paċi.
Ibqa' magħna u berikna.

**℟. Ammen.**

# VIA SAGRA DJOĊESANA FUQ L-GĦOLJA TA' GĦAMMAR

Nhar il-Ħadd 22 ta' Marzu 2026,
il-Ħames Ħadd tar-Randan

*Meditazzjonijiet imħejjija mill-Parroċċi Għawdxin*



## DAĦLA

**L-Isqof:** Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.
**R/. Ammen.**

**Qarrej 1: Introduzzjoni**
Ir-Randan huwa ż-"żmien it-tajjeb" biex inġeddu l-impenn tagħna li nimxu wara Kristu, il-Mulej tagħna, imqar meta t-triq tad-dixxipulat tgħaddina mill-mogħdijiet dojoq tat-tbatija. Id-dinja tagħna – qalb tant tiġrib li minnu għaddejja bħalissa – kif ukoll il-komunitajiet parrokkjali u oħrajn ta' fidi li fihom ngħixu, isiru tabilħaqq il-via sagra, it-'triq qaddisa', li fiha l-Mulej jimxi mill-ġdid magħna, u aħna miegħu, u jmiss il-pjagi moħbija tagħna.

**L-Isqof: Talba**
O Alla, int issejħilna mill-ġdid biex inkunu dixxipli ta' Ibnek u nagħtu widen għall-Kelma tiegħu li ssalva. Kun magħna llum ukoll, aħna u nimxu mill-ġdid din it-Triq tas-Salib, u bil-grazzja tiegħek moħbija fejn hemm id-dgħajjef, ibdilha għalina fit-Triq tad-Dawl u l-Glorja. Bi Kristu Sidna.
**R/. Ammen.**

## L-1 Stazzjon: L-AĦĦAR IKLA MAD-DIXXIPLI

**Kor:** Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk…
**R/. Għax b'Salibek u l-Mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Qarrej 1: Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann** (17:1-3)
Ġesù rafa' għajnejh lejn is-sema u qal: "Missier, waslet is-siegħa; agħti glorja lil Ibnek biex l-Iben jagħti glorja lilek, bħalma int tajtu s-setgħa fuq kull bniedem biex jagħti l-ħajja ta' dejjem lil dawk kollha li inti fdajtlu. Din hi l-ħajja ta' dejjem, li jagħrfu lilek, Alla waħdek veru, u lil Ġesù Kristu, li inti bgħatt".

**Qarrej 2: Riflessjoni**
Lil dawk li għażel, Kristu ħabbhom sal-aħħar. Ħabbhom billi qasam magħhom l-ikla tal-Għid. Ħabbhom billi ħaslilhom riġlejhom biex ħallielhom eżempju. Ħabbhom billi tahom lilu nnifsu fl-Ewkaristija. Il-Mulej Ġesù kemm-il darba saħaq biex dawk li jemmnu fih ikunu qalb waħda, ruħ waħda u madwar mejda waħda, biex ikunu lkoll ġisem wieħed taħt ir-ras u r-ragħaj li huwa hu.

**Qarrej 3: Talba**
Mulej Ġesù, aħna u nikkontemplaw id-don għoli tiegħek innifsek fl-Ewkaristija, nitolbuk tagħti d-dawl lill-Kattoliċi kollha tad-Djoċesi tagħna biex ma jittraskuraw qatt is-Sagrifiċċju tal-Quddiesa, speċjalment dik li tlaqqagħna lkoll flimkien madwar l-altar tal-Kelma u l-altar tal-Ewkaristija f'Jum il-Mulej. Għallimna ngħixu l-kmandament tal-imħabba wara li nkunu doqna l-imħabba tiegħek mogħtija f'dan is-Sagrament tant għażiż fdat minnek lill-Knisja.

Missierna, Sliema u Glorja.

Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù.
**℟. Mulejja, ħenn għalina,**
**u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

**Kor**

## It-2 Stazzjon: ĠESÙ JITLOB FIL-ĠNIEN TAŻ-ŻEBBUĠ

**Kor:** Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk…
**℟. Għax b'Salibek u l-Mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Qarrej 1: Qari mill-Evanġelju skont San Luqa** (22:39-46)
Imbagħad ħareġ u mar bħas-soltu fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, u d-dixxipli wkoll marru miegħu. Kif wasal hemmhekk qalilhom: "Itolbu li ma tidħlux fit-tiġrib". Imbagħad tbiegħed minnhom daqs tefgħa ta' ġebla, u nxteħet għarkupptejh jitlob u jgħid: "Missier, jekk inti trid, warrab minni dan il-kalċi! Iżda tkun magħmula r-rieda tiegħek, u mhux tiegħi". Deherlu anġlu mis-sema biex jagħmillu l-qalb, imma hu ħass dwejjaq tal-mewt fuqu u beda jitlob b'ħerqa akbar. L-għaraq sarlu bħal qtar tad-demm iċarċar sal-art. Imbagħad qam mit-talb, mar ħdejn id-dixxipli u sabhom reqdin minħabba s-swied ta' qalb. "Kif!", qalilhom. "Irqadtu? Qumu u itolbu biex ma tidħlux fit-tiġrib!".

**Qarrej 2: Riflessjoni**
Fil-Ġnien taż-Żebbuġ naraw lil Ġesù jgħaddi mill-mument tal-biża' u t-tbatija, iżda jagħżel li jafda fil-Missier. Żgur li fil-komunitajiet tagħna niltaqgħu wkoll ma' mumenti ta' prova: tfal mhux interessati, żgħażagħ mitlufa, familji mġarrba, anzjani waħedhom. Bħal Ġesù, aħna msejħin biex ma naħarbux mill-biżgħat u l-inkwiet tagħna, imma nġibuhom quddiem Alla fit-talb u naffrontawhom fl-għaqda tal-komunità. B'dan il-mod fil-ħidma pastorali tagħna nsibu l-qawwa biex inkomplu naqdu b'fedeltà u mħabba.

**Qarrej 3: Talba**
Mulej Ġesù, fil-mumenti ta' qtigħ il-qalb għinna nfittxuk fit-talb. Agħti lill-komunitajiet tagħna qalb miftuħa għar-rieda tal-Missier, biex fost it-tbatijiet nibqgħu xhieda ta' tama, għaqda u servizz lejn kulħadd.

Missierna, Sliema u Glorja.

Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù.
**℟. Mulejja, ħenn għalina,**
**u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

**Kor**

## It-3 Stazzjon: ĠUDA JITTRADIXXI LILL-IMGĦALLEM TIEGĦU

**Qarrej 1: Qari mill-Evanġelju skont San Luqa** (22:47-49)
Quddiem kien hemm dak li jismu Ġuda, wieħed mit-Tnax, u dan resaq lejn Ġesù biex ibusu. Imma Ġesù qallu: "Bewsa għażilt, Ġuda, biex tittradih lil Bin il-bniedem?".

**Qarrej 2: Riflessjoni**
It-tradiment iweġġa', għax jiġi minn xi ħadd li inti tkun għażilt u ħabbejt; bħalma ġara lil Ġesù. Lil Ġuda kien għażlu għax kien ħabbu u ħabbu għaliex għażlu. Imma Ġuda baqa' ma fehemx u ma aċċettax li Ġesù kien Messija differenti minn kif kien immaġinah hu, u għalhekk ibigħu, jerħih f'idejn min ried joqtlu. Dan kollu jagħmlu permezz ta' bewsa: sinjal ta' intimità u mħabba li jsir is-sinjal tat-tradiment. Dan it-tradiment jirrepeti ruħu kull darba li aħna ninqdew b'dak li hu sabiħ, b'dak li hu sagru, biex inweġġgħu lil xulxin. Dan jista' jiġri wkoll fil-komunitajiet u fil-knejjes tagħna.

**Qarrej 3: Talba**
Mulej Ġesù, int bqajt tħobb minkejja li ġejt ittradut u miċħud. Agħtina l-qawwa biex quddiem l-inkapaċità tal-oħrajn li jħobbuna, aħna xorta nibqgħu nemmnu fihom u nħobbuhom għall-imħabba tiegħek; u nitolbuk maħfra sinċiera ta' dawk id-drabi li t-tradituri konna aħna.

Missierna, Sliema u Glorja.

Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù.
**℟. Mulejja, ħenn għalina,**
**u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

**Kor**

## Ir-4 Stazzjon: ĠESÙ KKUNDANNAT GĦALL-MEWT

**Kor**: Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk…
**℟. Għax b'Salibek u l-Mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Qarrej 1: Qari mill-Evanġelju skont San Luqa** (23:22-24)
Pilatu għat-tielet darba qalilhom: "Imma dan x'għamel ħażin? Ma sibt fih ebda ħtija li ħaqqha l-mewt. Mela nagħtih is-swat u nitilqu". Iżda huma b'ħafna għajat baqgħu jinsistu u jitolbu li jkun imsallab, sakemm fl-aħħar għaddiet tagħhom. Għalhekk Pilatu qatagħha li jsir kif talbu huma. Telqilhom lil min talbu, jiġifieri lil dak li kien mitfugħ il-ħabs minħabba rewwixta u qtil, u lil Ġesù tahulhom bħalma xtaqu.

**Qarrej 2: Riflessjoni**
Il-kundanna li ġarrab Ġesù għal waħda mill-imwiet l-aktar infami li qatt ivvinta l-bniedem kienet tingħata lill-agħar kriminali li ma kinux ċittadini Rumani. U l-Mulej Ġesù għall-imħabba tiegħek u tiegħi jilqa' din il-kundanna inġusta biex hekk jerfa' fuqu dak is-salib li ma kienx tiegħu, u ma kienx imiss lilu, iżda kien imiss lili u lilek. Dak is-salib huwa d-dnub tagħna, il-mard u n-niket tagħna, il-mewt tagħna. U għax Ġesù jaċċetta s-salib huwa jeqred id-dnub u jibdel it-tbatija tagħna minn saħta u kundanna għal mediċina ta' salvazzjoni. O kemm switilna l-kundanna inġusta ta' dak li huwa l-aktar innoċenti magħdud bħala wieħed mill-agħar kriminali! Il-kundanna tiegħu ġabet is-salvazzjoni tagħna billi ħassret ħtijietna u għamlitna wlied Alla Missierna li jridna nkunu miegħu fi mħabbtu għal dejjem.

**Qarrej 3: Talba**
Mulej Ġesù, waqt li nieqaf nikkontemplak f'dan l-istazzjon, inħossni nistħi mhux biss mit-toqol tad-dnub tiegħi, iżda fuq kollox talli ħafna drabi minflok niġi għandek niedem u nitolbok maħfra ta' ħtijieti, jiena aktar nippreferi li noqgħod imtaqqal bi dnubieti u ma nintrebaħx minn dik l-Imħabba li bħalha qatt ma ngħatat. Mulej, agħtini l-grazzja li niftaħlek moħħi, qalbi u ruħi biex int tfawwarha bi mħabbtek.

Missierna, Sliema u Glorja.

Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù.
**℟. Mulejja, ħenn għalina,**
**u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

**Kor**

## Il-5 Stazzjon: ĠESÙ JILTAQA' MA' OMMU

Kor: Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk…
**℟. Għax b'Salibek u l-Mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Qarrej 1: Qari mill-Ktieb tal-Apokalissi** (21:9-11)
Imbagħad wieħed mis-seba' anġli, dawk tas-seba' bwieqi bl-aħħar seba' kastigi, ġie jkellimni u qalli: "Ejja nurik l-Għarusa, mart il-Ħaruf". U ħadni fl-ispirtu fuq muntanja kbira u għolja, u wrieni l-Belt il-Qaddisa, Ġerusalemm, nieżla mis-sema mingħand Alla, bil-glorja ta' Alla fiha, tiddi bħal ħaġra mill-aktar prezzjuża, bħal ġaspru jleqq daqs il-kristall.

**Qarrej 2: Riflessjoni**
Fit-triq lejn il-Kalvarju, Ġesù jiltaqa' ma' ommu Marija. Ma jingħadx ħafna kliem, imma l-ħarsa bejniethom tgħid kollox. Omm tara lil Binha jbati u ma tistax tneħħilu t-tbatija; iben jara l-uġigħ ta' ommu u jaf li hi qed taqsam miegħu s-salib. Din il-laqgħa turina l-imħabba profonda u fidila li ma titlaqx, imqar fil-mumenti l-aktar diffiċli. Marija tibqa' qrib Ġesù, mhux biex tneħħilu s-salib, imma biex takkumpanjah bl-imħabba u bil-preżenza kollha fedeltà tagħha. Hija mudell ta' min jaf jibqa' fidil quddiem it-tbatija. Aħna wkoll fil-ħajja, il-ħarsa tagħna tiltaqa' ma' mumenti ta' wġigħ u prova li jidhru fil-wiċċ ta' ħutna. Ejjew ma nħallu lil ħadd waħdu fit-tbatija tiegħu. Kultant l-akbar ġest ta' mħabba huwa sempliċement li nkunu preżenti.

**Qarrej 3: Talba**
Mulej Ġesù, fil-laqgħa tiegħek ma' ommok nilmħu l-imħabba li tibqa' soda anki fit-tbatija. Agħtina qalb sensittiva biex nagħrfu nkunu qrib ta' dawk li qed ibatu. Għallimna, bħalma għamlet Marija, nibqgħu fidili u nżommu t-tama anki meta kollox jidher diffiċli. O Marija, Omm ta' mħabba u ta' dulur, għinna nimxu wara Ibnek b'qalb kuraġġuża u nakkumpanjawh f'dawk ħutna li qegħdin ibatu.

Missierna, Sliema u Glorja.

Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù.
**℟. Mulejja, ħenn għalina,**
**u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

**Kor**

## Is-6 Stazzjon: ĠESÙ JAQA' TAĦT IS-SALIB

Kor: Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk…
**℟. Għax b'Salibek u l-Mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Qarrej 1: Qari mill-ktieb tal-Profeta Iżaija** (53:2-4)
Ebda sura ma kellu, u ebda ġmiel biex inħarsu lejh,
jew xi sura biex nitgħaxxqu bih.
Kien imżeblaħ u mwarrab mill-bnedmin,
bniedem li bata u kien jaf x'inhu l-mard,
bħal wieħed li n-nies jaħbu wiċċhom minnu,
bniedem imżeblaħ, u aħna xejn ma qisnieh.
Iżda hu rafa' fuqu l-mard tagħna,
tgħabba bin-niket tagħna.

**Qarrej 2: Riflessjoni**
Fit-triq lejn il-Kalvarju, Ġesù Kristu jaqa' taħt il-piż tas-salib. Mhux għax ma jiflaħx biss fiżikament, imma għax qed iġorr il-piż tad-dnubiet tagħna, il-weġgħat tagħna, il-biżgħat tagħna. Kemm drabi naqgħu aħna? Naqgħu fid-dnub, naqgħu fil-qtigħ il-qalb, naqgħu meta nħossuna waħedna jew mifhuma ħażin. Imma l-waqgħa ta' Ġesù tgħallimna xi ħaġa sabiħa: li l-waqgħa mhix it-tmiem. Huwa jerġa' jqum. Ġesù ma baqax fl-art. Qam mill-ġdid u kompla miexi. Dan hu messaġġ għalina: meta naqgħu, ma nibqgħux hemm. Bih u miegħu, nistgħu nerġgħu nqumu. Forsi llum qed iġġorr salib tqil – problema fil-familja, tħassib dwar is-saħħa, nuqqas ta' ftehim. Ħares lejn Ġesù jaqa' u jerġa' jqum. Hu jifhem it-tbatija tiegħek. Hu jimxi miegħek.

**Qarrej 3: Talba**
Mulej Ġesù, meta naqgħu, agħtina l-grazzja li ma nitilfux il-kuraġġ. Għinna nqumu mill-ġdid, bħalma int qomt, u nkomplu nimxu warajk fit-triq tal-imħabba.

Missierna, Sliema u Glorja.

Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù.
**℟. Mulejja, ħenn għalina,**
**u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

**Kor**

## Is-7 Stazzjon: ĠESÙ JILTAQA' MAN-NISA TA' ĠERUSALEMM

**Kor**: Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk…
**℟. Għax b'Salibek u l-Mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Qarrej 1: Qari mill-Evanġelju skont San Luqa** (23:27-28)
Kotra kbira ta' nies kienet miexja warajh; fosthom kien hemm xi nisa li bdew iħabbtu fuq sidirhom u jibkuh. Imma Ġesù dar lejhom u qalilhom: "Nisa ta' Ġerusalemm, mhux lili ibku, iżda ibku lilkom infuskom u lil uliedkom".

**Qarrej 2: Riflessjoni**
Mulej Ġesù, għajnejn in-nisa ta' Ġerusalemm kienu fuqek. Malajr jifhmu x'għamlulek u għalxiex wassluk dawk li ħsiebhom biss kien li jeqirduk minn fuq wiċċ l-art. Iżda huma ma setgħu jagħmlu xejn. Għalhekk huma jibkuk b'qalbhom maqsuma. Mulej, inti rajthom, inti smajthom u għidtilhom: "Ibku lilkom u lil uliedkom".

**Qarrej 3: Talba**
Mulej, min jaf kemm-il darba jien ukoll waqaft nitħassar lill-oħrajn fil-miżerja tagħhom u fl-istess ħin insejt li jien ukoll fini x'nitħassar, minħabba d-dnub tiegħi! Wassalni biex inkun kapaċi nħares lejja nnifsi l-ewwel, u waqt li nagħraf ħtijieti, nersaq għandek nitolbok taħfirli.

Missierna, Sliema u Glorja.

Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù.
**℟. Mulejja, ħenn għalina,**
**u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

**Kor**

## It-8 Stazzjon: XMUN MINN ĊIRENE JGĦIN LIL ĠESÙ JERFA' S-SALIB

**Kor**: Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk…
**℟. Għax b'Salibek u l-Mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Qarrej 1: Qari mill-Evanġelju skont San Luqa** (23:26)
Huma u sejrin bih, qabbdu wieħed, jismu Xmun, minn Ċirene, li kien ġej lura mir-raba', u għabbewh bis-salib biex iġorru wara Ġesù.

**Qarrej 2: Riflessjoni**
F'dik it-triq tqila lejn il-quċċata tal-Golgota, Ġesù jsib l-ispalla ta' Xmun minn Ċirene li jaqsam miegħu l-piż tas-salib… u l-istess grazzja qed tirrepeti ruħha fit-triq iebsa tal-ħajja ta' kuljum fil-parroċċa meta ma tiġi qatt nieqsa dik il-ħidma siekta ta' tant voluntiera bieżla, li bi mħabba lejn Alla u lejn il-komunità jkunu ta' spalla għal xulxin. Mingħajr ma kien jaf Xmun, bis-sehem tiegħu jipparteċipa fit-twettiq tal-missjoni tas-salvazzjoni tal-Iben ta' Alla nnifsu. U aħna wkoll bis-sehem tagħna fl-attivitajiet pastorali u bil-parteċipazzjoni fil-quddiesa tal-Ħadd ngħinu lil xulxin biex induqu s-salvazzjoni sa minn issa stess.

**Qarrej 3: Talba**
Mulej Ġesù, agħtina qalb miftuħa biex nagħrfu lilek f'dak jew dik li tkun ħdejna fil-ħajja tal-parroċċa. Agħtina l-kuraġġ ta' Xmun biex ma nibqgħux inħarsu, imma nersqu fil-qrib u naqsmu l-piż ta' xulxin bi mħabba u b'rispett sabiex flimkien naslu nibnu komunità magħquda kif tixtieqha int.

Missierna, Sliema u Glorja.

Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù.
**℟. Mulejja, ħenn għalina,**
**u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

**Kor**

## Id-9 Stazzjon: ĠESÙ MNEŻŻA' MINN ĦWEJĠU

**Kor**: Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk…
**℟. Għax b'Salibek u l-Mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Qarrej 1: Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann** (19:23-24)
Is-suldati ħadu l-ilbies tiegħu u qassmuh f'erbgħa, sehem lil kull wieħed minnhom. U ħadu wkoll it-tunika; din kienet libsa bla ħjata, minsuġa biċċa waħda minn fuq s'isfel. Ftiehmu bejniethom u qalu: "Ma nqattgħuhiex, iżda nitfgħu x-xorti għaliha, u lil min tmiss jeħodha". Dan ġara biex isseħħ l-Iskrittura li tgħid: "Ħwejġi qasmu bejniethom, u għall-ilbies tiegħi tefgħu x-xorti".

**Qarrej 2: Riflessjoni**
Ġesù mneżża' minn ilbiesu jfakkarna fil-verità profonda li l-Mulej għażel li jidħol fil-faqar u l-umiljazzjoni tagħna biex jerfa' magħna l-piż tad-dgħufija umana. It-tunika bla ħjata tfakkarna fl-għaqda li Kristu jixtieq għall-Knisja tiegħu, għaqda li ma tinqasam qatt. F'dinja mimlija konsum u prestiġju, Ġesù jurina li d-dinjità vera tinsab fil-qalb li tgħix quddiem Alla b'umiltà u fiduċja. Hu jistedinna nneħħu kull suppervja u nsiru aktar bħalu.

**Qarrej 3: Talba**
Mulej Ġesù, li ħallejt lilek innifsek tinqata' minn kollox biex issalvana, neħħi minna kull kburija u dipendenza fuq l-affarijiet li jgħaddu. Agħtina qalb umli u disponibbli, u għinna narawk f'kull persuna li tbati.

Missierna, Sliema u Glorja.

Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù.
**℟. Mulejja, ħenn għalina,**
**u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

**Kor**